MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 156/2004

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Private Ltd, u l-istess Private Ltd**

**vs**

**Elenore Habesh Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet illi l-konvenuta tigi ikkundannata prevja dikjarazzjoni illi hi responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju, 2001 gewwa l-Addolorata Hill, Paola bejn il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni GAQ 819 misjuqa minnha, u l-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IBC 996 misjuqa minn Raymond Meli u proprjeta' tas-socjeta' Private Ltd u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ghall-hlas lill-atturi tas-somma ta'

erba’ telef u tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM 4032.72) inkwantu ghas-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u tnejn u tmenin Liri u tnejn u sebghin centezmu (LM3,982.72) danni sofferti mill-assikurata tas-socjeta’ attrici Middle Sea Insurance plc u li ghalihom kellha taghmel front l-istess socjeta’ taht polza tat-tip comprehensive u hamsin lira Maltin (LM 50) rapprezentanti excess imhallsa mis-socjeta’ attrici Private Ltd.,

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Novembru, 2002 u l-ittra interpellatorja kontra s-socjeta’ assigurattiva tal-konvenuta prezentata kontestwalment ma din il-kawza, u bl-imghax mit-12 ta’ Lulju, 2001 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet :

Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan jista jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fil-mertu l-incident awtomobilistiku sehh esklussivament tort tat-traskuragini negligenza u speed eccessiv li kien ghaddej bih l-attur li kien il-kagun ta’ l-incident;

Rat il-verbal taghha tas-seduta tas-17 ta’ Frar, 2005 li permezz tieghu fuq talba tal-atturi awtorizzat korrezzjoni fl-avviz fis-sens illi kull fejn jidhru l-kliem “12 ta’ Lulju, 2002” dawn il-kliem jigu sostitwiti bil-kliem “12 ta’ Lulju, 2001”, awtorizzat l-imsemmija korrezzjoni u ordnat in-notifika mill-gdid tal-Avviz lill-konvenut.

Rat illi l-konvenut gie notifikat bl-Avviz kif korrett;

Semghet lill-Avukat difensur tal-konvenuta, waqt is-seduta tad-9 ta’ Marzu 2005, jeccepixxi l-preskrizzjoni a bazi ta’ sentejn rizultanti mill-Kodici Civili u dana peress li l-ittra

ufficjali mibghuta mis-socjeta' attrici tindika cirkustanzi u data differenti ta' l-incident de quo.

Rat in-Nota ta' Referenza tal-atturi, kif ukoll dik tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat :

Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni illi l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju 2001 u ghalhekk qeghdin jitolbu illi l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' telef u tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM 4032.72) kif imsemmi fl-avviz.

Illi meta gie intavolat l-avviz imsemmi minflok il-kliem "12 ta' Lulju, 2001" kienu jidhru l-kliem "12 ta' Lulju, 2002". L-Avukat tal-atturi indunat b'dan l-izball u talbet korrezzjoni fl-atti, kif diga intqal, u dan waqt is-seduta tas-17 ta' Frar, 2005. Il-Qorti laqghet it-talba u l-konvenuta giet notifikata mill-gdid bl-avviz kif korrett.

Illi meta l-konvenuta ipprezentat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha hija fl-ebda hin ma accennat ghall-izball fid-data ta' l-incident awtomobilistiku, izda eccepiet illi l-azzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt kif jista jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u illi fil-meritu l-incident awtomobilistiku sehh esklussivament tort tat-traskuragini, negligenza u speed eccessiv li kien ghaddej bih l-attur li kien il-kagun tal-incident.

Illi kien biss wara illi l-avukat tal-atturi talbet l-imsemmija korrezzjoni, il-Qorti laqghet it-talba, awtorizzat il-korrezzjoni u l-konvenuta giet notifikata mill-gdid bl-avviz, illi l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a bazi tas-sentejn rizultanti mill-Kodici Civili u dana peress illi l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' attrici tindika cirkustanzi u data differenti ta' l-incident de quo.

Illi l-imsemmija ittra ufficjali tinsab esebita a fol. 22 ta’ dan il-process u minn ezami ta’ l-imsemmija ittra ufficjali jidher illi c-cirkustanzi huma identici ghal dawn imsemmija fl-avviz u hija biss id-data illi ma taqbilx, cioe’ id-data minflok “12 ta’ Lulju, 2001”, taqra fl-imsemmija ittra ufficjal “12 ta’ Lulju, 2002”.

Illi l-atturi fin-Nota taghhom issottomettew illi l-uniku zball illi hemm fl-ittra ufficjali huwa fid-data fis-sens illi minflok is-sena 2001 bi zball tnizlet is-sena 2002 u dan kien zball ta’ typing; liema zball sfortunatament rega’ irrifletta ruhu fl-avviz qabel ma dan gie korrett mill-Qorti fuq talba tal-atturi.

Illi fin-Nota taghhom l-atturi irreferew lill-Qorti ghal decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet “Il-Kontrollur tad-Dwana kontra John G Hayes” datata 18 ta’ Jannar, 2004.

Illi l-Qorti tara illi l-atturi ghandhom ragun, fis-sens illi meta tnizzlet is-sena 2002, kemm fl-ittra ufficjali, kif ukoll fl-avviz, minflok is-sena 2001, dan kien biss ‘lapsus calami’. Effettivament, ic-cirkostanzi kollha l-ohrajn imsemmija fl-ittra ufficjali huma korretti u bl-ebda mod ma gew kontradetti mill-konvenuta.

Illi l-atturi ipprezentaw Mandat ta’ Tahrik ta’ Xhieda; liema Mandat jinsab a fol. 15 tal-process u f’dan il-Mandat hemm imnizzel illi l-incident in kwistjoni gara fl-2001 u dana peress illi x-xhud gie mitlub sabiex igib mieghu kopja tar-rapport u sketch dwar incident awtomobilistiku bin-numru 3/E/1499/2001 u dan il-Mandat gie ipprezentat il-Qorti qabel ma l-Qorti intalbet tawtorizza korrezzjoni fl-avviz.

Illi effettivament il-konvenuta, meta ipprezentat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghha, hija fl-ebda hin ma eccepiet illi s-sena ta’ l-incident kienet ‘2001’ u mhux ‘2002’, u dana ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, u kif jirrizulta ukoll ampjament mill-atti tal-process, il-konvenuta kienet konxja tal-fatt illi d-disputa bejnha u l-atturi kienet tikkoncerna proprju il-kwistjoni ta’ l-incident awtomobilistiku illi sehh bejn il-

vettura Peugeot numru ta’ registazzjoni GAQ 819 misjuqa minnha u l-vettura Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni IBC 996 misjuqa minn Raymond Meli u proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Private Limited. Il-konvenuta indunat bl-izball fl-avviz meta dan l-izball gie a konjizzjoni taghha peress illi l-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni mitluba mill-atturi u ordnat in-notifika mill-gdid tal-avviz kif korrett lill-konvenuta u **kien biss f’dak l-istadju** illi l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni, **u mhux qabel**, kif kellha kull opportunita illi taghmel fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghha.

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dak li qieghed jintalab u li hu pretiz mill-atturi kien ben not mill-konvenuta u ghalhekk l-izball fl-ittra ufficjali ma jistax iwassal sabiex jigi irrimedjabilment ippregudikat id-dritt pretiz mill-atturi meta dak li gie domandat mill-istess atturi irrizulta minn provi ohra in atti.

Il-Qorti ghalhekk tikkunsidra l-istess ittra ufficjali bhala korretta u accettabbli u ghadha tinghata l-piz u l-kunsiderazzjoni taghha.

Illi, kif intqal tajjeb fis-sentenza illi irriferew ghaliha l-atturi “Il-Kontrollur tad-Dwana kontra John G. Hayes”, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar, 2004, l-effett prattiku tal-preservazzjoni tal-jedd tal-parti kreditrici hija l-kunsiderazzjoni li trid tinghata b’din l-ittra ufficjali, u illi japplika id-dispost ta’ l-Artikolu 889 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li a propozitu jipprovdi li l-iskop ta’ l-ittra ufficcjali *qua* att gudizzjarju huwa dak intiz li jqieghed lil haddiehor f’ mala fidi jew biex izomm shah il-jeddijiet tieghu nnifsu.

Illi, ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-ittra ufficjali effettivament interrompiet il-preskrizzjoni u l-azzjoni giet proposta fit-terminu legali stabbilit mill-Ligi u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajjma mill-konvenuta ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tirrigetta l-eccezzjoni tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------